VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,947, 13 ta' Frar, 2018
Taqsima B

A.L. 48 tal-2018

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Klampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Klampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Klampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.13

Tifsir.

2. Minnufih qabel it-tifsira "l-Awtorità" fir-regolament 2 tar-regolament prinċipali għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali kif stabbilita bl-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali jew kull kuntrattur debitament awtorizzat mill-imsemmija Aġenzija għall-għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti;". L.S. 497.14

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara l-kliem "jew il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem " jew l-Aġenzija".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew l-Awtorità" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem

VERŻJONI ELETTRONIKA

"jew l-Awtorità" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija"; u

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-Aġenzija".

Jemenda regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew mill-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew mill-Aġenzija".